# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Ġimgħa, 31 ta’ Lulju, 2020

**Rikors Numru 510/20 TA**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 379/2020 fl-ismijiet:-**

**Sasco Limited C-64864**

**vs**

**Micallef Brian li ghandu l-karta tal-identita’ bin-numru 479086M u 33 Homes Limited C-94825**

**U**

**Fl-Atti tas-Sekwestru (Kawtelatorju) Numru 626/20 fl-ismijiet:-**

**Sasco Limited C-64864 (Sekwestrant)**

**vs**

**Micallef Brian li ghandu l-karta tal-identita’ bin-numru 479086M u 33 Homes Limited C-94825 (Sekwestrat)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ 33 Homes Ltd presentat fis-26 ta’ Ġunju 2020 ai termini tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta ta' Sasco Limited tal-24 ta' Lulju 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Rat il-verbal tal-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu qablu li dan ir-rikors ikun trattat kontestwalment mar-rikors numru 509/20 u li kwalunkwe prova f'dak ir-rikors għandha tapplika għal dan ir-rikors;

Semgħet lil Brian Micallef jixhed fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li fl-istess seduta r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif diga' intqal aktar 'l fuq dan ir-rikors ġie trattat mar-rikors numru 509/20, u li qiegħed jiġi degretat illum stess ma' dan ir-rikors.

F'dan ir-rikors is-Soċjeta' rikorrenti qegħdha titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri abbażi tal-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-parti kbira minn dak li intqal minn din il-Qorti fid-digriet tagħha fl-atti tar-rikors 509/20 huwa *mutatis mutandi* applikabbli għal dawn il-proċeduri. Għalhekk a' skanz ta' repitizzjoni,il-Qorti tagħmel ampja referenza għal dak id-digriet sa fejn il-motivazzjonijiet tiegħu huma applikabbli għal dawn il-proċeduri fir-rigward tal-artikolu 836(1)(f).

Il-Qorti għalhekk, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu in kwistjoni, ir-rikors jimmerita li jkun milqugħ bil-mod li ġie milqugħ ir-rikors l-ieħor u ċioe' numru 509/20.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tilqa' it-talba tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u konsegwenzjalment tirrevoka l-ordni li bih inħareġ il-mandat ta' sekwestru numru 626/2020, fl-ismijiet premessi.

Tordna għalhekk il-ħruġ tal-kontro-mandat opportun, b'dana li l-flejjes kollha depositati permezz ta' ċedola 844/2020 fl-ismijiet premessi, ma għandhomx ikunu żbankati jew rilaxxjati mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili qabel ma jkun hemm deċizjoni finali fl-atti tar-rikors ġuramentat 379/2020/TA fl-ismijiet premessi u li għalhekk għandu jimxi skont l-eżitu ta' dawk il-proċeduri meta jintalab li jsir l-iżbank.

**Tordna** li dan id-digriet jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili għall-effetti kollha tal-liġi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.

**Mogħti kameralment illum 31 ta' Lulju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**